BIRGU
Citta' Vittoriosa

## Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt    website : www.birgu.gov.mt

# Minuti tal-laqgħa 24 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 24 fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar il-Hamis, 14 ta' Novembru, 2013 fis-5.15 ta' filgħaxija fil-Berġa ta' Franza.

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sur Alan Cassar kien skuzat.

Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv.

## Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. Ir-Rizenja tal-Impjegata s-Sinjura Moira Azzopardi

1.1 Is-Sindku ressaq korrispondenza mibgħuta mill-iskrivan s-Sinjura Moira Azzopardi dwar ir-rizenja tagħha mill-Kunsill u li l-aħħar ġurnata tagħha kienet ser tkun is-Sibt, 4 ta' Jannar 2014. Il-Kunsill aċċetta t-talba tas-Sinjura Azzopardi.

Is-Sindku ppropona li tintalab l-approvazzjoni ta' Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill joħroġ sejħa interna għall-Uffiċjal Ezekuttiv skala 13.

2. Memo 26/2013 – Ambaxxatur/Ambaxxatriċi fil-Kunsill Lokali

2.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kien hemm zewġ applikazzjonijiet għal kariga ta' Ambaxxatur/Ambaxxatriċi mingħand Leanne Attard u Miguel Farrugia. Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel Leanne Attard peress li hi kienet attiva' u tippartecipa fl-attivitajiet organizzati mil-Kunsill.

3. Ħatra ta' Segretarju Ezekuttiv

3.1 Is-Sindku ressaq korrispondenza li bgħat lid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar it-terminu tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien jasal fi tmiem tiegħu fl-24 ta' Diċembru, 2013. Għalhekk il-Kunsill talab direzzjoni ta' kif kien ser jipproċedi.

3.2 Id-Direttur infurma lill-Kunsill li l-proċess tal 'Pool' tas-Segretarji Ezekuttivi Prospettivi wasal lejn it-tmiem. Kif din il-lista tiġi approvata mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, il-Kunsill jkun jista' jibda l-proċess tal-għazla għal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija.

______________________

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Ezekuttiv

______________________

ikkonfermati John Boxall
Sindku